# NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 54 - IT-TLIETA, 11 TA' DIĊEMBRU 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fit-20:04) |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier/Chairperson BIC |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |

Pubbliku: Ma kienx hemm pubbliku preżenti.

## 1. APPOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) avża li l-Kunsillier Galea kien infurmah li se jasal tard.

1.2. Is-SE informa wkoll li ftit ħin qabel il-laqgħa kien irċieva sms mingħand il-Kunsillieri Miceli u Sammut li infurmawh li inqabdu xogħol u l-università rispettivament u ma kienx possibli li jibgħatu email fil-ħin. Il-Kunsill qabel li jaċċetta jekk jibgħatu *email* wara u jispjegaw ir-raġuni wara n-nuqqas ta' attendenza. Dawn l-*emails* ikunu jistgħu jiġu mehmuża ma' dawn il-minuti.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 53.

2.2. Is-Sindku ressqet emenda biex, bejn l-ewwel u t-tieni sentenza tal-paragrafu numru 10.3 jiddaħħal dan il-kliem: "*Dan sabiex nużaw aktar enerġija nadifa u fl-istess ħin innaqqsu l-carbon footprint u l-ispejjeż tal-manutenzjoni u l-konsum tad-dawl. Huwa stmat li kemm il-konsum u anki l-manutenzjoni jonqsu b'50%.*"

2.3. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati *nem con* kif emendati u għalhekk iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.4. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami staqsiet x'kien l-iżvilupp dwar para. 6.3 dwar il-*bins* fejn is-SE informa li, kif kien maqbul mill-maġġoranza tal-Kunsillieri, wara li ma kinux instabu *litter bins* adegwati għall-prezz indikat mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti, issa kienu qed ifittxu *litter bins* ta' valur ogħla, ċoè ta' madwar €200. Però sa issa ma kellux informazzjoni x'jista' jgħaddi lill-Kunsill.

2.5. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tal-*belvedere* fejn is-SE wieġeb fin-negattiv.

2.6. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami irrimarkat dwar l-istat tal-*bring-in site* ta' Triq L-Imdina u talbet biex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntratturi dwarhom.

2.7. Is-Sindku rreferiet għall-para. 10.3 fejn infurmat li kienet ġabet l-informazzjoni u li permezz tagħhom tista' ssir l-applikazzjoni taħt l-aħħar skema għal inizjattivi speċjali. Hija infurmat li l-proposta li għaddewla kienet li jinbidlu l-bozoz u l-*lamp head* għal oħrajn LED's u li għandhom 25 sena garanzija. Is-SE informa li kellu l-obbligu li jinforma li numru mdaqqas ta' bozoz li fuqhom qed ikun propost li jsir l-investiment preżentament jinsabu fir-responsabbiltà tal-Enemalta iżda, kemm-il darba jsir ix-xogħol dan ikun ifisser li se jaqgħu f'idejn il-Kunsill Lokali, inkluż il-manutenzoni. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li wieħed irid joqgħod attent għall-istat tal-arbli. Kien hemm qbil unanimu li s-Sindku u l-Kunsillier Brincat jeżaminaw l-arbli ta' Vjal il-21 ta' Settembru biex jaraw l-istat tal-arbli. Jekk b'mod ġenerali jkunu tajbin is-SE imexxi bl-applikazzjoni. Is-SE informa li l-proposta tlaħħaq is-somma ta' €20,709 u li jekk jinkisbu l-fondi, nofshom irid joħroġhom il-Kunsill.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET

3.1. Il-SE informa li kienet waslet korrispondenza mingħand il-Ministeru tas-Saħħa dwar open day li se ssir fil-Ministeru u li matul dan il-jum wieħed ikun jista' jagħmel eżamijiet mediċi b'xejn. Fl-ittra kien qiegħed ikun mistoqsi jekk il-Kunsill jixtieqx jorganizza t-trasport għal gruppi min-Naxxar.

3.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea.

3.3. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jipprovdi t-trasport biex jieħu l-anzjani tad-*day centre*. Il-Kunsill qabel.

3.4. Is-SE informa li kienet waslet korrispondenza mingħand ċertu Daniel Vella li kien qiegħed jipproponi lill-Kunsill biex jikkonsidra *bye law* kontra l-ħmieġ taż-żwiemel u b'mod partikulari biex ma jitħallewx jgħaddu żwiemel minn ċertu toroq. Il-Kunsill b'mod unanimu ddikjara li jaqbel fil-prinċipju għaliex ilu pre-okkupat mill-ħmieġ taż-żwiemel iżda ma jidhirx li *bye law* hija soluzzjoni prattika għal diversi raġunijiet, fosthom il-fatt li numru ta' residenti għandhom iż-żwiemel fir-residenzi tagħhom filwaqt li diffiċli ħafna li wieħed jikkontrolla.

3.5. Is-SE informa li kienet waslitlu talba mingħand sid iċ-ċirklu biex jagħmel parata bil-ġmula fit-toroq tan-Naxxar.

3.6. Il-Viċi Sindku saħaq li ċ-ċirklu kien ilu aktar minn 30 ġurnata u għalhekk, la darba aktarx ma kienx qiegħed bil-permessi meħtieġa, il-Kunsill kellu jinsisti li l-MEPA tinforza. F'dan il-ħin kien diskuss x'tip ta' komunikazzjoni għandha tintbagħat lill-MEPA mingħajr ma l-Kunsill ikun suġġett għal xi passi għal danni fil-konfront tiegħu. Kien qiegħed ikun propost li l-Kunsill għandu jibgħat jistaqsi lill-MEPA dwar jekk, wara li għaddew it-tletin jum, il-

MEPA kinitx ħarġet xi permessi u jekk le x'passi se jittieħdu fil-konfront taċ-ċirklu.

3.7. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jsejjaħ lir-residenti biex, flimkien mal-avukat tal-Kunsill, ikun spjegat lilhom is-sitwazzjoni u wara ssir l-ittra lill-MEPA skont il-kummenti tar-residenti. Dan biex ir-residenti jkunu involuti aktar. Madanakollu l-Viċi Sindku sostna li huwa kien qiegħed jirrappreżenta lir-residenti u għalhekk ma kienx hemm għalfejn issir il-laqgħa, biex ma jinħeliex ħin. Il-Kunsill imbagħad qabel li tintbagħat l-ittra iżda s-Sindku talbet li l-ewwel tressaqha lill-avukat ħalli taċċerta li bl-ebda mod ma tissuġġetta l-Kunsill għal xi forma ta' danni.

3.8. Sadanittant il-Kunsill irrifjuta li jawtorizza l-parata mitluba.

3.9. Is-SE informa li kienu saru l-arranġamenti meħtieġa biex it-tħawwil ta' siġar u arbuxelli minn FTI AS (Malta) fi Triq San Mark isir is-Sibt 15 ta' Diċembru fid-9am. Kulħadd kien mistieden.

3.10. Is-SE informa li l-*Public Contracts Review Board* kien iddeċieda kontra l-offerent li ressaq l-appell kontra l-Kunsill dwar l-offerti għax-xogħol fi Triq Castro. Għaldaqstant il-proċess seta' jitkompla.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' RENDIKONTI FINANZJARJI

4.1. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku kien skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:37.

4.2. Is-SE ippreżenta l-lista ta' **pagamenti** li kienet mibgħuta qabel il-laqgħa lil kull Kunsillier. Il-pagamenti skont il-lista kif annessa f'A kienet approvata.

4.3. Kienu wkoll imressqa u approvati l-listi tal-ordnijiet u tad-dħul li huma annessi f'B u f'Ċ rispettivament.

4.4. Is-SE informa li ġieli jkun hemm il-bżonn li titqabbad mużika u ma jkunx possibli għaliex fil-Kunsill m'hemmx CD player. Huwa kien indaga u sab wieħed bi prezz ta' €59 mingħand YAL tan-Naxxar. Il-Kunsill qabel li jinxtara.

4.5. Is-SE ġibed l-attenzjoni li kienu meħtieġa ftit siġġijiet li jkunu permanenti għall-pubbliku għas-sala tal-konferenzi. Kien hemm qbil li jinxtraw tmien siġġijiet suwed.

4.6. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami infurmat li kellha talbiet biex ikun irranġat Sqaq il-Palk minħabba li allegatament hemm il-ħofor u meta jgħaddu l-karozzi meta jkun hemm l-ilma fit-triq qed jittajjar l-ilma fuq il-faċċati. Hija infurmat ukoll li kien hemm parti minn Triq il-Forġa li niżlet u li, minkejja li meta l-art tkun niexfa ma tkunx tidher, meta t-triq tkun imxarrba żżomm l-ilma u jittajjar mal-faċċati. Is-SE informa li dwar dan tal-aħħar ilu jkollu ilmenti mingħand is-Sur Salvu Sciberras iżda dejjem kellu d-dilemma x'għandu jsir minħabba li t-triq meta tkun niexfa tidher tajba ħafna. Kien għalhekk li kien jeħtieġ direzzjoni mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li aktar għandu jiffoka fuq toroq imkissrin iżda dawn għandhom jitpoġġew fuq il-lista' li jeħtieġu attenzjoni biex eventwalment il-Kunsill jiddeċiedi fuq il-prijoritajiet.

## 5. IL-PJAN TA' TLIET SNIN

5.1. Is-SE informa li kienu waslulu żewġ risposti oħra u infatti esebixxa kif kien qiegħed jindika r-riżultat skont il-prijoritajiet tal-ħames Kunsillieri. Huwa talab aktar risposti ħalli imbagħad il-Kunsill ikun jista' jiddiskutihom u jasal li japprova lista finali.

## 6. KORSIJIET DWAR L-EMPOWERMENT GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

6.1. Is-SE informa li kienet waslet korrispondenza mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar korsijiet tal-Empowerment. Huwa fakkar li l-Kunsill kien diġà approva dawn il-korsijiet iżda l-konkorrenza kienet fqira u kellhom jiġu kkanċellati.

6.2. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa joffri dawn il-korsijiet skont id-domanda li jkun hemm.

6.3. Il-Kunsillier Gatt ippropona li dawn isiru bi sħab ma' Navitas tas-Sgħajtar. Il-Kunsill però ma qabilx.

## 7. VARAR TAL-KTIEB TAR-RITRATTI

7.1. Is-SE informa li l-ktieb jinsab għall-istampar filwaqt li l-ġimgħa ta' qabel saret preżentazzjoni tiegħu u li għaliha l-Kunsillieri kienu mistiedna kollha. Dawk li attendew approvawh. Dan se jkun jismu VV Viva l-Vitorja.

7.2. Is-SE wera l-ktieb kif se jkun li intlaqa' tajjeb ħafna.

7.3. Il-Kunsill qabel li għandu joffri prezz ta' qabel il-pubblikazzjoni ta' €20 filwaqt li wara ma jkunx jinbiegħ għal inqas minn €25 iżda dwar dan jittieħdu l-pariri meħtieġa minn persuni kompetenti.

7.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tingħata kopja bla ħlas lill-Kunsillieri kollha, l-istaff tal-Kunsill, ex-Kunsillieri, għaqdiet, mexxeja politiċi u persuna kritiku.

7.5. Possibilment il-varar tal-ktieb isir lejn l-aħħar ta' Jannar u għandu jsir tentattiv biex l-okkażjoni ssir f'Palazzo Parisio.

7.6. Il-Kunsill qabel li s-SE jippreżenta kotba lis-Sindku ta' Mornago u l-Assessore ta' Varese fi żjara li se jagħmel l-Italja fil-bidu ta' Jannar.

7.7. Sadanittant il-Kunsill kien imfakkar li lejn it-tmiem tal-leġislatura normalment jippubblika ktieb dwar il-ħidma f'dik il-leġislatura. Il-Kunsill approva li dan għandu jsir sa qabel tmiem il-leġislatura biex jirrapporta l-erba' snin ħidma tal-Kunsill.

## 8. L-OFFERTI GĦALL-ĠBIR TA' SKART IMĦALLAT

8.1. Is-SE fakkar li l-kuntratt tal-ġbir ta' skart kien skadut u kien se jibda l-proċess għall-ħruġ tal-offerti. Huwa staqsa jekk il-Kunsill jixtieqx xi speċifikazzjonijiet jew kundizzjonijiet ġodda. Il-Kunsill qabel li jżomm ma' kif inhu fil-preżent.

## 9. IL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

9.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalità ssir it-Tlieta 29 ta' Jannar fis-19:30. Minħabba li aktarx is-SE mhux se jkollu biżżejjed ħin biex jipprepara mhux neċessarju li jsir il-filmat.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1. Qabel ma l-laqgħa ġiet fi tmiemha l-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 22 ta' Jannar 2013. Il-Kunsill kien konxju li kien se jdum aktar milli tippermetti l-liġi biex jiltaqa' madanakollu mhux se jkun possibli li ssir qabel minħabba li s-Sindku u s-SE se jkunu fuq safar uffiċjali tal-Kunsill

10.2. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-21:55.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**A**

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 54

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: mis-26 ta' Novembru sal-10 ta' Diċembru 2012

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Alicia Galea | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Gdida fi Triq Jules Verne | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16079 |
| 2 | AMJ Legal Services | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Nov 12 | 01/12/2012 | 195 of 2012 | n/a | n/a | 3140 | |
| 3 | Andrew Cassar | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Santa Marija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16083 |
| 4 | Annabelle Attard | €350.00 | €330.00 | K | PF | Zumba Class commencing on the 18th Sept 12 for Nxr Local Council | 05/12/2012 | 03/2012 | 4196 | 4196 | 3381 | |
| 5 | Annabelle Attard | €660.00 | €660.00 | K | PF | 2 Zumba Classes commencing on the 3rd Oct 12 and on the 6th Oct 12 for BIC Administrative Committee | 05/12/2012 | 04/2012 | 4197 | 4197 | 3381 | |
| 6 | Archway Ironmongery | €36.00 | €36.00 | D | PF | Clips; conduit; tape; molla 20mm; etc. | 16/11/2012 | 33685 | 4166 | 4166 | 2370 | 16138 |
| 7 | Archway Ironmongery | €119.87 | €119.87 | D | PF | Masking tape; cable ties; box of screws; packing tape; kamoxxa; etc. | 02/11/2012 | 33672 | 4155 & 4163 | 4155 & 4163 | 2370 | |
| 8 | Brian Gatt | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq l-Ghenieq | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16088 |
| 9 | C&C Projects | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for T/02/11, 12th claim on account | 20/11/2012 | 121102 | n/a | n/a | 3130 | |
| 10 | C&C Projects | €5,491.76 | €5,491.76 | T | PF | Fee as per Item 3 of contract agreement No 10/2011 for Tender T/02/2011 (namely 1.1% of €499,250.98 incl. Vat for the V. Boron Project) | 20/11/2012 | 121103 | n/a | n/a | 3130 | |
| 11 | Cash | €29.46 | €29.46 | D | PF | Petty cash - Nov 12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 16136 |
| 12 | Charlie Sant | €130.00 | €130.00 | D | PF | Service of a skip [25/09/2012 & 21/10/2012] | 05/12/2012 | 33 | 4090 & 4125 | 4090 & 4125 | 3046 | |
| 13 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street Sweeping - Nov 12 | 30/11/2012 | 148 | n/a | n/a | 3051 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | COA Ink & Toner Recharging Ltd | €137.16 | €137.16 | D | PF | Hp 64A & Hp 1215 Cyan | 30/11/2012 | Order no: 5057 | 4165 | 4165 | 2610 | |
| 15 | COA Ink & Toner Recharging Ltd | €44.99 | €44.99 | D | PF | Hp CE285A | 07/12/2012 | Order no: 5073 | 4165 | 4165 | 2610 | |
| 16 | COA Ink & Toner Recharging Ltd | €44.99 | €44.99 | D | PF | Hp CE285A | 07/12/2012 | Order no: 5074 | 4202 | 4202 | 2610 | |
| 17 | Colin Bonello | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Arnaldo Fabriani c/w Triq San Pawl | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16093 |
| 18 | Daniel Cutajar | €232.94 | €232.94 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq il-Labour | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16091 |
| 19 | Euro Clean Waste Services | €959.95 | €959.95 | T | PF | Collection of Bulky Refuse - Jul 12 | 28/11/2012 | NXR060 | n/a | n/a | 3042 | |
| 20 | Euro Clean Waste Services | €1,226.40 | €1,226.40 | T | PF | Collection of Bulky Refuse - Aug 12 | 28/11/2012 | NXR061 | n/a | n/a | 3042 | |
| 21 | Euro Clean Waste Services | €967.25 | €967.25 | T | PF | Collection of Bulky Refuse - Sept 12 | 28/11/2012 | NXR062 | n/a | n/a | 3042 | |
| 22 | Euro Clean Waste Services | €992.80 | €992.80 | T | PF | Collection of Bulky Refuse - Oct 12 | 28/11/2012 | NXR063 | n/a | n/a | 3042 | |
| 23 | Filomena Shead | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Cipru | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16087 |
| 24 | Fondazzjoni AWL | €750.00 | €750.00 | D | PF | Editing & writing of Naxxar Local Council Coffee-Table book; Proof reading of Naxxar Local Council Coffee-Table book | 20/11/2012 | 1112/001 | 4123 | 4123 | 2660 | |
| 25 | Galea Curmi Engineering | €231.80 | €231.80 | D | PF | Testing and certification - Decorative Xmas street lighting temporary electrical supply | 24/11/2012 | 2526 | n/a | n/a | 3362 | |
| 26 | Galea Curmi Engineering | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager fee - Nov 12 | 30/11/2012 | 2531 | n/a | n/a | 3065 | |
| 27 | George Falzon | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Hal-Dghejf | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16082 |
| 28 | Georgina Grima | €598.93 | €598.93 | D | PF | Nursing fees for the elderly - Nov 12 | 30/11/2012 | Nov 12 | n/a | n/a | 3190 | |
| 29 | Ghajn Rasul Co. Ltd | €1,120.00 | €1,120.00 | D | PF | 106 Olive trees "KLZ Naxxar" | 04/12/2012 | NXR1/12 | 4045 | 4045 | 3690 | 16142 |
| 30 | Glorianne Cini | €232.00 | €232.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq San Pawl | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16096 |
| 31 | Go plc | €17.09 | €17.09 | D | PF | Telephony monthly service - Nov 12 [21416363] | 04/12/2012 | 30294484 | n/a | n/a | 2160 | 16147 |
| 32 | Go plc | €335.08 | €335.08 | D | PF | Telephony monthly service - Nov 12 [21417224] | 04/12/2012 | 30294503 | n/a | n/a | 2160 | 16148 |
| 33 | Go plc | €69.41 | €69.41 | D | PF | Telephony monthly service - Nov 12 [21416341] | 04/12/2012 | 30294480 | n/a | n/a | 2160 | 16149 |
| 34 | Grace Camilleri | €155.48 | €155.48 | D | PF | Branch librarian services - Nov 12 | 01/12/2012 | Dic 12 | n/a | n/a | 2995 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | G4S Security Services Ltd | €389.40 | €389.40 | D | PF | Cash Collection Services - Nov 12 | 30/11/2012 | GS006475 | n/a | n/a | 3190 | |
| 36 | Guard & Warden Service House | €39.60 | €39.60 | D | PF | Traffic Management Services - Nov 12; location: Triq il-Parrocca Naxxar | 30/11/2012 | 5764 | n/a | n/a | 3195 | |
| 37 | J&C Contractors | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq il-Forga | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16094 |
| 38 | J&S Store | €98.44 | €98.44 | D | PF | Bulb; tape; spray; scissors; sillicone; acrylic; etc. | 08/10/2012 | 7154 | 4117 & 4145 | 4117 & 4145 | 2370 | |
| 39 | J&S Store | €90.77 | €90.77 | D | PF | Rubber mallet; pkts strips; duck tape; energy saving bulb; etc. | 01/11/2012 | 7170 | 4145, 4156 & 4162 | 4145, 4156 & 4162 | 2370 | |
| 40 | James Portelli | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Xatt il-Palm | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16080 |
| 41 | Joseph Azzopardi | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq il-Labour | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16090 |
| 42 | Joseph Bonello | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Raheb Kurradu | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16081 |
| 43 | Jurgen Attard | €285.00 | €285.00 | T | PF | Ground Warden - Nov 12 | 30/11/2012 | 158708 | n/a | n/a | 3191 | |
| 44 | Jurgen Attard | €1,557.60 | €1,557.60 | T | PF | Handyman service - Nov 12 | 30/11/2012 | Nov 12 | n/a | n/a | 3125 | 16141 |
| 45 | KC Trading Ltd | €39.18 | €39.18 | D | PF | Banquet rolls "Ikla tal-Anzjani Dic 12" | 03/12/2012 | 100643 | 4179 | 4179 | 3360 | 16137 |
| 46 | Leo's Garage Paramount | €238.48 | €238.48 | K | PF | Transport services for the elderly - Oct 12 | 31/10/2012 | 09/06/1968 | 4127 | 4127 | 2720 | |
| 47 | Mailbox Services Ltd | €129.33 | €129.33 | D | PF | Door to door distribution qty 5480, to all Naxxar Area [Jum il-Librerija; Ikla tal-Anzjani & il-Kura u s-Sahha tal-Mara] | 07/12/2012 | 1130 | 4186 | 4186 | 2650 | |
| 48 | Mariana Gauci | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq il-Grecja | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16089 |
| 49 | Mario Calleja | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for depositing machinery at Triq Sir Arthur Freemantle | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16132 |
| 50 | Mary Louise Micallef | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Magaret A. Murray | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16086 |
| 51 | Melita plc | €13.91 | €13.91 | D | PF | Telephony monthly service - Dec 12 [27013044] | 01/12/2012 | 33160161 | n/a | n/a | 2160 | 16145 |
| 52 | Melita plc | €22.38 | €22.38 | D | PF | TV monthly service - Dec 12 & Jan 13 | 01/12/2012 | 33160766 | n/a | n/a | 2165 | 16146 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 | Merlin Publishers Ltd | €121.86 | €121.86 | D | PF | Purchase of 25 books, Category's name: Tqasqis | 06/12/2012 | 45644 | 4198 | 4198 | 2995 | |
| 54 | MRRA | €80.00 | €80.00 | D | PF | 14 Gazebos @ Eur20 each for Xmas Event Dec 12 less Eur200 deposit | 29/11/2012 | NM/156/2012 | 4195 | 4195 | 3360 | |
| 55 | Naxxar Parish Church | €500.00 | €500.00 | D | PF | Rental fee of the Naxxar Oratory Hall for the Arts Exhibition [between 31/10/2012 and 4/11/2012] | 15/11/2012 | Nov 12 | 4183 | 4183 | 3360 | |
| 56 | Naxxar Scout Group | €200.00 | €200.00 | D | PF | Services carried out by Naxxar Scout Group during the Car Free Day | 02/12/2012 | Nxr_Naxxar Scouts | 4184 | 4184 | 3360 | |
| 57 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Sept 12 | 30/09/2012 | NXR9/12 | n/a | n/a | 3041 | |
| 58 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Oct 12 | 31/10/2012 | NXR10/12 | n/a | n/a | 3041 | |
| 59 | Paul Camilleri | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Gdida fi Triq Santa Marija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16084 |
| 60 | Paul Gatt | €834.68 | €834.68 | D | PF | Reimbursement for air tickets - Malta-China-Malta Jan 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 16139 |
| 61 | Piscopo Gardens | €175.00 | €175.00 | D | PF | Znuber trees "KLZ Naxxar" | 04/12/2012 | 5739 | 4047 | 4047 | 3690 | |
| 62 | Romina Perici Ferrante | €320.00 | €320.00 | T | PF | Updating of accouts - Sept 12 | 30/09/2012 | Request for payment 12/057 | n/a | n/a | 3160 | |
| 63 | Romina Perici Ferrante | €320.00 | €320.00 | T | PF | Updating of accouts - Oct 12 | 31/10/2012 | Request for payment 12/064 | n/a | n/a | 3160 | |
| 64 | Romina Perici Ferrante | €320.00 | €320.00 | T | PF | Updating of accouts - Nov 12 | 30/11/2012 | Request for payment 12/073 | n/a | n/a | 3160 | |
| 65 | Samuel Formosa | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Gdida fi Triq il-Parrocca | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16095 |
| 66 | Sandro Lanfranco | €100.00 | €100.00 | D | PF | Educational walk "KLZ Naxxar" | 30/11/2012 | 2012/04 | 4126 | 4126 | 3690 | |
| 67 | SBL Ltd | €328.00 | €328.00 | D | PF | 360 LED M/action white "Xmas Décor." | 28/11/2012 | 7900 | 4174 | 4174 | 3362 | |
| 68 | Scan Malta | €278.35 | €278.35 | D | PF | Fuji Finepix S4500 Black Digital Camera "KLZ Naxxar" | 20/08/2012 | IPOS5INV1514 | 4054 | 4054 | 7310 | |
| 69 | Victor Chetcuti | €232.94 | €232.94 | D | PF | Refund for depositing machinery in Triq Santa Marija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16085 |
| 70 | Victor Mula | €2,132.15 | €2,132.15 | T | PF | Handyman service - Nov 12 | 30/11/2012 | Nov 12 | n/a | n/a | 3125 | 16140 |
| 71 | Viti Malta | €53.69 | €53.69 | D | PF | 9 Auctoritas chardonnay & 5 Maleth "Ikla tal-Anzjani Dic 12" | 03/12/2012 | 328-12 | 4180 | 4180 | 3360 | |

# B

**Purchase Order list for the month of November** **04/12/2012**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/11/2012 | 4147 | Impressions Ltd. | Printing of certificates - Arts Exhibition | €54.28 |
| 29/10/2012 | 4148 | Archway Ironmongery | Hallogan lamps; Hallogan bulbs; pin plugs; wire; etc. | €98.50 |
| 01/11/2012 | 4149 | Department of Information | Advert on the Malta Govt Gazette 14/09/2012 - "Car Free Day" | €9.32 |
| 01/11/2012 | 4150 | Central Aspahlt | Concrete and kerb | €63.55 |
| 01/11/2012 | 4151 | Antoine Fenech | Flower arrangement for Arts Exhibition | €41.30 |
| 10/04/2012 | 4152 | Steve Rutland | Filming & Editing of Flower & Musical Event (Apr 12) | €283.20 |
| 20/07/2012 | 4153 | Steve Rutland | Filming & Editing of Arts in the Park (27th Jul 12 & 28th Jul 12) | €289.10 |
| 05/11/2012 | 4154 | Clint Muscat | 2 hrs highup service | €50.00 |
| 01/11/2012 | 4155 | Archway Ironmongery | Kamoxxa; viti; trapan; salvavita; etc. | €61.19 |
| 01/11/2012 | 4156 | J&S Store | Keys; pin plug; wire; reflector; etc. | €27.65 |
| 07/11/2012 | 4157 | Cassia Ironmongery Ltd | Push Valves for Pixxaturi & rubber sockets | €79.80 |
| 28/09/2012 | 4158 | Bitmac Ltd. | Instant Road Repair (Del. Note 69582) | €21.24 |
| 12/10/2012 | 4159 | Bitmac Ltd. | Instant Road Repair (Del. Note 69642; 69708; 69711; 69713) | €191.16 |
| 05/11/2012 | 4160 | Eco Pure | Qty 7 - 18.9ltrs of San Michel Table Water | €24.80 |
| 14/11/2012 | 4161 | Vincent Mifsud Co. Ltd. | HD Electric tape; 2 pin conn. 2 wire rope; power cord for LED string sets; Power cord kit + shrink r/light; etc. | €430.19 |
| 05/11/2012 | 4162 | J&S Store | Bulb; elbow; pair of gloves; detol; 1.5mtrs contact paper; etc. | €46.95 |
| 07/11/2012 | 4163 | Archway Ironmongery | Cement; ramel; zrar; washers; holders; tester; etc. | €58.68 |
| 16/11/2012 | 4164 | Veltron Trading | Bulbs for xmas decorations | €250.00 |
| 19/11/2012 | 4165 | COA Ink & Toner Ltd. | Toners | €182.15 |
| 16/11/2012 | 4166 | Archway Ironmongery | Clips; conduit; tape; molla 20mm; etc | €148.08 |
| 16/11/2012 | 4167 | Archway Ironmongery | Elbows; sockets; piles; pile cutter; etc. | €123.56 |
| 16/11/2012 | 4168 | Archway Ironmongery | Elbows; plugs; screw driver; etc. | €92.39 |
| 01/11/2012 | 4169 | Guard & Warden Service House | Booking of 3 wardens for a total amount of hours 22.5hrs | €199.12 |
| 16/11/2012 | 4170 | Permanent Secretary, Ministry for Home Affairs | Advert on the Malta Independent for the 21st Nov. 2012 re Call for quotes | €60.00 |
| 19/11/2012 | 4171 | Enemalta | Temporally supply for Xmas street Decorations | €780.00 |
| 19/11/2012 | 4172 | Archway Ironmongery | 7 sheets marine plywood 16mm thick | €252.00 |
| 26/10/2012 | 4173 | Charles Muscat | Seminar on Weight Management on the 26th October 2012 "KLZ Naxxar" | €60.00 |
| 26/11/2012 | 4174 | SBL | LED light to replace those damaged at Labour Ave | €328.00 |
| 28/11/2012 | 4175 | Gutenberg | Design & Printing of Circular No 3/12 "BIC" | €231.00 |
| 28/11/2012 | 4176 | Image Systems Ltd | Purchase/ Leasing of photocopier/ printer | €1,820.00 |
| 28/11/2012 | 4177 | Union Print | Design & Printing of Business Directory | €2,861.25 |
| 28/11/2012 | 4178 | Lornit Ltd. | Online Permits Management System | €970.00 |
| 29/11/2012 | 4179 | Karta Convertors | Banquette rolls for Ikla tal-Anzjani | €39.18 |
| 29/11/2012 | 4180 | VitiMalta Ltd | Wine for Ikla tal-Anzjani | €53.69 |
| | | | **Total** | **€10,281.33** |

Ċ

**Income list for the month of November 2012** **04/12/2012**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Regjun Nofsinhar - payment for Nov 11 invoices | 40.76 |
| 0000 | Regjun Nofsinhar - payment for Mar 12 invoices | 127.97 |
| 0000 | Regjun Nofsinhar - payment for Apr 12 invoices | 70.97 |
| 0000 | Regjun Xlokk - payment for Aug 12 invoices | 62.91 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €864.88 |
| 0023 | Cultural activities | €108.00 |
| 0025 | Skip Permit | €42.46 |
| 0026 | Crane Permit | €616.15 |
| 0027 | Kiosk Permit | €93.16 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €80.45 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €15.04 |
| 0121 | Advertising | €370.00 |
| 0125 | Trenching permits | €9.32 |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,150.00 |
| | **TOTAL** | **€3,652.07** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 7009 |
| | To | 7241 |

D

Gmail by Google

## Laqgha Kunsill

**Clinton Sammut** 11 December 2012 18:58
To: Paul Gatt

Ghaziz Segretarju,

Qieghed nibghatlek din l-email, sfortunatament ftit tard, biex niskuza ruhi mill-laqgha tal-kunsill tal-lum.

Minhabba impenji akademici li ma ghandix kontroll fuqhom illum.

Grazzi

Clinton

--
Clinton Sammut
Councillor- Naxxar Local Council
Sports/ Youth and Environment.

Gmail by Google Paul Gatt < >

## email dwar in-nuqqas ta' attendenza

**Pauline Miceli** 16 December 2012 19:01
To: Paul Gatt

Ghaziz Sur Gatt,
Nitolbok tiskuza mill-laqgha ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru minhabba li kif ghedtlek fl-sms inqbadt tard ix-xoghol minhabba xoghol fuq l-attivitajiet specjali tal-Milied li jkollna norganizzaw.

Grazzi u tislijiet
Pauline
[Quoted text hidden]